MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 11/2007

**Ferdinand Portelli, Costantina Portelli,**

**Lucienne Portelli u Doreen Portelli**

**vs**

**Orlando Attard, Maria Dolores sive Lola Portelli u**

**b'digriet tas-27 ta' Ottubru 2014**

**Lucienne Portelli u Doreen Portelli qed jassumu**

**l-atti tal-kawza wara l-mewt tal-konvenuta**

**Maria Dolores sive Lola Portelli**

**fil-mori tal-kawza u**

**b'digriet tat-23 ta' Frar 2015**

**gew nominati Dr. Martin Fenech u PL Gerald Bonello**

**bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw**

**lill assenti Josephine Portelli bhala eredi tal-konvenuta**

**Maria Dolores sive Lola Portelli li mietet fil-mori tal-kawza; u**

**l-Avukat Dottor Deborah Mifsud Attard**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tat-8 ta' Jannar 2007 li jghid hekk:

1. ILLl l-porzjon art fi Triq Ta' Wara s-Sur, Victoria, Ghawdex, li tmiss mit-Tramuntana mat-triq, Punent ma' beni ta' Maria Portelli, u Lvant ma' beni ta' Maria, Louis u Joseph Portelli, tifforma parti mill-wirt indiviz ta' Anthony, Louis u l-konvenuta Maria Dolores sive Lola ahwa Portelli; mill-imsemmija ahwa, Anthony miet fis-sena 2005 u sehmu ntiret mill-armla tieghu l-attrici Costantina Portelli u minn uliedu l-atturi Lucienne u Doreen ahwa Portelli;

2. ILLI bejn Lulju u Settembru 2006, l-attur Ferdinand Portelli kien involut bhala akkwirent prospettiv f'negozjati dwar ix-xiri tal-art imsemmija; u dan minghand (i) Louis Portelli, residenti l-Awstralja, (ii) l-atturi Costantina Portelli u uliedha Lucienne u Doreen ahwa Portelli; u (iii) il-konvenuta Maria Teresa sive Lola Portelli, illi limkien kienu s-sidien konguntement u esklussivament tal-porzjon art imsemmija;

3. ILLI bi ftehim mal-akkwirent prospettiv, l-attrici Lucienne Portelli marret tikkonsulta ruhha mal-konvenuta l-Avukat Dottor Deborah Mifsud Attard, u dan billi l-imsemmija avukat kienet il-konsulenti legali ta' missierha l-mejjet Anthony Portelli, u ghalhekk setghet ikollha taghrif jew dokumentazzjoni relattiva ghall-proprjeta inkluza fil-wirt tieghu;

4. ILLI ghalkemm l-Avukat imsemmija ma nfurmatx immedjatament lil Lucienne Portelli li ma kellhiex taghrif jew dokumentazzjoni f'idejha, l-Avukat imsemmija accettat li tfittex tali taghrif u dokumentazzjoni u talbet depozitu ta' Lm84 (erbgha u tmenin lira Maltin) minghand Lucienne Portelli sabiex tordna ricerki in relazzjoni mal-wirt imsemmi;

5. ILLI l-imsemmija Avukat Deborah Mifsud Attard f'dan l-istadju bdiet taghti pariri konfliggenti u tistaqsi dwar proprjetajiet ohra fil-wirt li ma kienux soggett tan-negozjati ta' bejgh; fil-frattemp bdew ghaddejjin il-gimghat u l-imsemmija avukat baqghet twieghed ir-ricerki ordnati u tghid li ghadhom mhux lesti;

6. ILLI fl-ahhar, l-akkwirent u l-vendituri prospettivi ddecidew li jipprocedu bl-iffirmar ta' konvenju, u fil-fatt iffirmaw konvenju quddiem in-Nutar Peter Paul Pisani nhar l-20 ta' Settembru 2006; il-vendituri dehru sabiex ibieghu indivizament, l-atturi Costantina, Lucienne u Doreen Portelli kwantu ghal terz, il-konvenuta Maria Dolores Portelli kwantu ghal terz iehor, u Joseph Zammit bhala prokuratur tal-imsiefer Louis Portelli ghat-terz rimanenti;

7. ILLI fit-tieni gimgha ta' Novernbru 2006, l-Avukat Deborah Mifsud Attard cemplet lin-Nutar Peter Paul Pisani u baghtet SMS lil Lucienne Portelli u wissiethom sabiex joqoghdu attenti dwar il-konvenju msemmi, in kwantu Maria Dolores Portelli kienet bieghet is-sehem taghha lil terzi; inkarigat minn Ferdinand Portelli, in-Nutar Pisani ordna ricerki fit-13 ta' Novembru u rrizultalu li sat-8 ta' Novembru 2006 kien ghadu ma gie insinwat l-ebda kuntratt in relazzjoni mal-art in kwistjoni;

8. ILLI l-vendituri Lucienne Portelli u l-prokuratur Joseph Zammit it-tnejn ikkonfrontaw lill-Avukat Mifsud Attard, u rrizulta li dan it-terz kien huha, il-konvenut Orlando Attard, u sostniet illi ma kinitx ghamlet ricerki; eventwalment ikkonfrontawha wkoll dwar il-fatt illi r-ricerka kienet rizultat negattiva u qalet illi l-kuntratt kien gie ffirmat quddiem in-Nutar Ivan Barbara imma kien ghadu mhux insinwat;

9. ILLI fil-frattemp, Orlando Attard avvicina lil Ferdinand Portelli, qallu li kien jaf bil-konvenju tal-20 ta' Settembru imma li kien diga xtara sehem Lola Portelli, u talab Lm34,000 (erbgha u tletin elf lira Maltin) ghal tali sehem (meta Ferdinand Portelli kien qieghed jixtri l-art intiera ghas-somma ta' Lm30,000);

10. ILLI fl-24 ta' Novembru 2006 l-attur Ferdinand Portelli talab il-hrug ta' mandati ta' inibizzjoni (1729/06 u 1730/06) sabiex il-konvenuti jigu inibiti milli jitrasferixxu l-art in kwistjoni, izda irrizulta fil-mori tas-smigh tal-mandat illi l-kuntratt ta' trasferiment bejn il-konvenuti Maria Teresa Portelli u Orlando Attard kien sar ftit jiem qabel il-prezentata tar-rikorsi msemmija; u cjoe fi kwalunkwe kaz granet jew gimghat wara l-komunikazzjonijiet tal-konvenuti Deborah Mifsud u Orlando ahwa Attard; id-dokumentazzjoni accessibbli f'dan l-istadju ghall-atturi tinsab ezibita fl-atti tal-imsemmija mandati, li tintalab minn issa l-allegazzjoni taghhom;

11. ILLI ghar-ragunijiet premessi huwa car illi t-trasferiment in kwistjoni sar bi frodi sija tal-attur Ferdinand Portelli, u sija tal-atturi Costantina, Lucienne u Doreen Portelli in kwantu responsabbli ghad-danni li jista' jsofri Ferdinand Portelli; u li tali frodi twettqet in koncertazzjoni bejn il-konvenuti, illi ghalhekk ghandhom jirrispondu solidalment ghal kull dannu li jista' jidderiva ghall-atturi;

Jghidu ghaldaqstant il-konvenuti ghalfejn mghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

(i) Tiddikjara li t-trasferiment maghmul mill-konvenuta Maria Dolores sive Lola Portelli a favur tal-konvenut Orlando Attard ta' sehmha mill-wirt tal-genituri taghha sar bi frodi tad-drittijiet tal-atturi;

(ii) Tiddikjara t-trasferiment imsemmi null u invalidu fil-ligi ghar-raguni msemmija u tordna n-notifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku;

(iii) Tiddikjara lill-konvenuti solidalment responsabbli ghad-danni kagjonati lill-atturi permezz tal-frodi msemmija;

(iv) Tillikwida tali danni u tordna l-hlas taghhom lill-atturi skond l-interess rispettiv taghhom.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-mandati ta' inibizzjoni numri 1729/06FS u 1730/06FS, bl-imghax legali, bir-riserva ta' kull azzjoni ulterjuri fil-ligi, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti minn issa in subizzjoni.

Rat li r-risposta guramentata tal-konvenuti Orlando Attard u Maria Dolores sive Lola Portelli li tghid hekk:

1. Illi fl-ewwel lok, l-esponenti ma ghandhom l-ebda rapport guridiku mal-atturi Constantina Portelli, Lucienne Portelli u Doreen Portelli riferibbilment ghall-att ta' trasferiment li gie maghmul bejn l-istess esponenti, u ghalhekk l-imsemmija atturi ma jistghux ikunu legittimni kontraditturi f'din il-kawza u ma ghandhom l-ebda interess guridiku.

2. Illi inoltre Orlando Attard qatt ma kellu ebda relazzjoni guridika mal-attur Ferdinand Portelli u ghalhekk mhux legittimu kontradittur.

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinghad li fit-8 ta' Awwissu,2006 sar konvenju bejn l-esponent Orlando Attard u l-esponenti l-ohra Maria Dolores sive Lola Portelli ghax-xiri minghand din tal-ahhar ta' sehemha mill-art riferita fil-kawza. It-trasferiment ta' sehem l-esponenti Maria Dolores sive Lola Portelli sar skond dak il-konvenju, u bl-ebda mod ma jista jinghad li l-atturi gew frodati bit-trasferiment li sar.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta Avukat Dottor Deborah Mifsud Attard li tghid hekk:

1. Illi fl-ewwel lok l-atturi Constantina Portelli, Lucienne Portelli u Doreen Portelli ma ghandhom l-ebda interess guridiku fil-kawza.

2. Illi l-konvenuta Deborah Mifsud Attard qatt ma kienet il-konsulent legali tal-attur Ferdinand Portelli fil-fatt ma kienet iltaqghet mieghu qabel sar it-trasferiment, u konsegwentement ma setghet qatt b'xi mod tiffrodah.

3. Illi fil-mertu t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt, anzi huma ingurjuzi ghall-eccipjent.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi li tghid hekk:

1. Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u jirriservaw li jissottomettu risposta ulterjuri meta jkunu jafu l-fatti ahjar;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat li Lucienne u Doreen Portelli cedew il-kawza fl-1 ta' Lulju 2014;

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Mill-atti jirrizulta illi Maria Dolores sive Lola Portelli obbligat ruhha li tbiegh u titrasferixxi lil Orlando Portelli t-terran 30 Triq is-Sajjieda, Marsa bil-prezz ta' Lm3,800 permezz ta' konvenju ta' bejgh datat 31 ta' Lulju 2006 (ara fol. 168 et seq. tal-process). Dan il-konvenju gie registrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fid-9 ta' Awwissu 2006 (fol. 171). Il-kuntratt

fuq dan il-fond sar fit-28 ta' Settembru 2004 fejn sar bdil tal-prezz minn Lm3,800 ghal Lm6,000 (ara nota ta' insinwa datata 31 ta' Ottubru 2006 a fol. 9 tal-process).

Maria Dolores Portelli dahlet f'konvenju iehor ta' bejgh ma Orlando Attard fl-4 ta' Awwissu 2006. Din id-darba hi obbligat li tbiegh u titrasferixxi lil imsemmi Orlando Attard is-sehem taghha mill-proprjeta immobbli kollha li hi ghandha jew jista' jkollha sad-data tal-att finali provenjenti mill-wirt tal-genituri taghha Salvatore u Theresa nee Zammit u dan bil-prezz ta' Lm2,180. Il-kumpratur kellu dritt sat-28 ta' Novembru 2006 sabiex jirtira mill-konvenju u fin-nuqqas il-kuntratt kellu validita sal-10 ta' Frar 2007 (fol. 171 tal-process). Dan il-konvenju gie registrat min Nutar Ivan Barbara fil-25 ta' Awwissu 2006 (fol. 176 tal-process) fejn pero fir-ricevuta tal-hlas tal-boll provvizjorju gie dikjart li l-bejgh jirrigwarda t-trasferiment tal-fond 15 Fisherman Street, Marsa ghalkemm fl-avviz registrat ai termini tal-artikolu 3(6) tal-Kap. 364 id-deskrizzjoni li inghatat min Nutar hi dik li tidher mill-konvenju. In-Nutar meta xehed spjega illi ghal fini tal-hlas tal-boll id-dipartiment kien jirrikjedi deskrizzjoni ta' almenu fond wiehed in-vendita u hu cempel lil Maria Dolores Portelli u tatu dan il-fond bhala deskrizzjoni. Il-kuntratt finali sehh fl-1 ta' Novembru 2006 fejn gie dikjarat li s-sehem ta' Maria Dolores Portelli mill-wirt tal-genituri taghha kien 2/5 u l-proprjetajiet in vendita kienu ghalqa fil-limiti taz-Zebbug, Ghawdex kejl ta' circa tomna u nofs; ghalqa fil-limiti tal-Rabat, Ghawdex tal-kejl li erba' sighan u sitt kejliet; ghalqa fil-limiti ta' Victoria, Ghawdex ta' kejl ta' circa seba' kejliet; u l-fond 15 Triq is-Sajjieda, Marsa. Il-prezz fil-kuntratt ta' bejgh inbidel u sar Lm10,000 li thallsu mil-kuntratt. In oltre n-Nutar cioe Ivan Barbara gie ezonerat milli jaghmel ricerka (fol. 123 tal-process). Il-bejgh gie registrat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fis-17 ta' Novembru 2006 (fol. 129 tal-process).

Sadattant u dan hu l-mertu ta' din il-kawza, l-istess Maria Dolores Portelli dahlet f'konvenju flimkien mal-koproprjetarji l-ohra, cioe l-atturi Costantina, Lucienne u Doreen Portelli, kif ukoll huha Louis Portelli, biex tbiegh lil Ferdinand Portelli l-art fil-limiti ta' Victoria, Ghawdex. Dan il-konvenju li qatt ma gie esebit f'din il-kawza jew fil-kawza konnessa ma' din il-kawza cioe dik bin-numru 436/2007 fl-ismijiet Ferdinand Portelli vs Maria Dolores sive Lola Portelli et li qed tigi deciza kontestwalment, sar fl-atti tan-Nutar Paul Pisani fl-20 ta' Settembru 2006.

Ghalkemm hemm diskrepanzi fuq is-sehem reali ta’ Maria Dolores Portelli billi fiz-zewg konvenju fuq l-istess proprjeta hemm dikjarat sehem differenti, din il-kwistjoni ma hix rilevanti ghal finijiet tal-mertu u talbiet ta’ din il-kawza.

**Konsiderazzjonijiet**

It-talbiet tal-atturi huma ghan-nullita tat-trasferiment li sar min Maria Dolores Portelli lil Orlando Attard ghax dan sar bi frodi tad-drittijiet taghhom fuq il-konvenju li kellhom l-atturi ma’ Ferdinand Portelli wkoll attur f’din il-kawza.

Hu car ghal din il-Qorti illi l-atturi qed jipproponu l-actio Pauliana u flimkien mal-azzjoni ghal danni naxxenti mill-agir frawdolenti tal-partijiet fil-konfront taghhom. Qabel xejn pero l-Qorti trid tikkonsidra jekk il-kuntratt bejn Maria Dolores Portelli u Orlando Attard kienx vizzjat.

L-eccezzjoni tal-konvenuti Attard u Portelli illi huma ma humiex legittimi kontraditturi ghax ma hemmx relazzjoni guridika jew interess guridiku hi bla bazi ghax dan hu l-mertu tal-actio pauliana u huma l-legittimi kontradittturi biex jirrispondu ghaliha. Mhux l-istess jinghad ghal konvenuta Mifsud Attard peress illi hi ma kinitx partecipi ghal kuntratt bejn Attard u Portelli u kwindi ma tistax titqies debitur ghal finijiet tal-artikolu 1144. It-tielet talba ghad-danni ma tistax treggi fil-konfront tal-konvenuta Mifsud Attard jekk l-ewwel talbiet ma jistghux qatt ikunu ta’ rilevanza fil-konfront taghha u meta t-tielet talba ghad-danni hi subordinata ghall-ewwel zewg talbiet cioe l-qerq u r-rexissjoni tal-kuntratt bejn Portelli u Attard a bazi tal-artikolu 1144. Ghalhekk il-konvenuta Mifsud Attard ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

L-artikolu 1144 tal-Kap. 16 ighid hekk:

> (1) Kull kreditur jista’ wkoll, f’ismu, jattakka l-atti maghmula b’qerq mid-debitur bi hsara tal-jeddijiet tieghu, bla pregudizzju tal-jedd tal-konvenut għall-eccezzjoni tal-beneficcju tal-eskussjoni, taht id-disposizzjonijiet tal-artikoli 795 sat-801 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

L-azzjoni tirrikjedi tlett elementi cioe l-eventus damni, il-consilium fraudis u l-partecipatio fraudis f'kaz ta' trasferiment oneruz bhala ma hu dan il-kaz:

> L-ewwel element, dak tal-eventus damni, jikkonsisti fil-pregudizzju li jsofri l-kreditur li b'rizultat ta' l-att li qed jigi mpunjat, id-debitur jkun sofra diminuzzjoni fil-patrimonju tieghu li tkun ta' pregudizzju ghad-drittiijiet tal-kreditur, liema att jkun rrenda lill-istess debitur insolvibbli jew  aktar insolvibbli.
>
> It-tieni element dak tal-consilium fraudis huwa sodisfatt bil-prova tax-xjenza li bl-att tad-debitur qed jigu ppregudikati d-drittijiet tal-kreditur, minghjar ma hi rikjesta l-intenzjoni li l-kreditur jigi defrawdat.
>
> Element l-iehor li hu relatat ma' l-ahhar ingredjent huwa dak tal partecipatio fraudis da parti tat-terz akkwirent. Jekk l-att ikun wiehed oneruz, il-kreditur ghandu jipprova li kien hemm qerq min-naha taz-zewg partijiet fil-kuntratt (ara f'dan is-sens **Marco Bongailas vs John Magri et** (PA 29/05/2009).

Kif qalet l-istess sentenza:

> Illi l-frodi f'din l-azzjoni hi element ta' sostanza u objettiv u tista' timmanifesta ruhha taht diversi aspetti.  Tista' tkun diretta u tista' tkun indiretta jew oggettiva u l-piz tal-prova jinkombi fuq min jallega l-frodi u jintenta l-azzjoni revokatorja ghaliex il-frodi fil-kuntratti ma tistax tigi prezunta.

F'dan il-kaz dak li irrizulta b'mod car hu li l-konvenju fuq sehem Maria Portelli mill-wirt tal-genituri taghha sar fl-4 ta' Awwissu 2006 u kwindi l-kreditur tal-obbligazzjonijiet assunti min Maria Dolores Portelli fuq sehemha mill-wirt tal-genituri taghha kienu jappartjenu lil konvenut Orlando Attard bir-rabta valida li saret. Il-fatt li r-ricevuta tal-hlas tal-insinwa fuq it-taxxa provvizjorju tindika proprjeta wahda mill-proprjetajiet appartamenti lil Maria Dolores Portelli ma jwassal ghal ebda dubju fuq il-konsistenza ta' dak miftiehem li jinbiegh. In-nota tal-insinwa hi cara, u bhal konvenju tikkomprendi  s-sehem kollu ta' Maria Dolores Portelli mill-wirt tal-genituri taghha. Il-fatt illi l-kuntratt finali li sar fl-1 ta' Novembru 2006 kien jispecifika l-proprjetajiet inkluzi u l-prezz inbidel billi zdied konsiderevolment ma jurix ebda nuqqas jew malafede.

Ma jistax jinghad illi l-attur Ferdinand Portelli jista jikkwalifika bhala kreditur f'din l-azzjoni peress illi d-dritt tieghu fuq il-konvenju ma' Maria Dolores Portelli fost ohrajn biex jakkwista l-intier ta' wahda mill-proprjetajiet gia soggetta ghal konvenju bejn Maria Dolores Portelli u Orlando Attard insorga fl-20 ta' Settembru 2006 cioe xahar u nofs wara li Maria Dolores Portelli kienet gia intrabtet ma' Orlando Attard. Kwalsiasi dritt li Ferdinand Portelli jista' jkollu kontra Maria Dolores Portelli rigwardanti l-konvenju li sar maghha u ohrajn zgur ma jistax jikkwalifika biex jintuza f'din l-azzjoni peress illi jonqos f'Ferdinand Portelli l-element ta' kreditur fil-mument li sar il-konvenju bejn Maria Dolores Portelli u Orando Attard. Dan jibbasta biex din l-azzjoni taqa' pero l-Qorti izzid illi ma gie ippruvat ebda element ta' frodi da parti ta' Orlando Attard li legalment lahaq intrabat ma' Maria Dolores Portelli qabel ma irnexxilu l-attur Ferdinand Portelli. Ghalkemm saru allegazzjonijiet li l-avukat Mifsud Attard kienet b'xi mod komplici biex isir il-konvenju ma' Maria Dolores Portelli qabel ma jsir xi ftehim ma' Ferdinand Portelli, dan ma jirrizultax. Hu minnu illi Orlando Attard hu huha pero jidher li l-involviment taghha kien biss li tissugerixxi nutar meta huha staqsiha li irid jaghmel konvenju ma' Maria Dolores Portelli. Hi tghid fl-affidavit taghha a fol. 277 tal-process illi Maria Dolores Portelli kienet klijenta taghha kif kien ir-ragel tal-attrici Costantina Portelli, Anthony Portelli, cioe hu Maria Dolores Portelli li miet qabel infethet il-kawza. Hi tghid li huha kien kellimha fuq ix-xewqa li jaghmel konvenju qabel ma avvicinatha Costantina Portelli fuq id-drittijiet taghha fuq il-wirt ta' zewgha. L-atturi Lucienne u Doreen Portelli qatt ma kienu klijenti taghha izda gieli giet Lucienne Portelli wara li kien gia sar il-konvenju bejn huha u Maria Dolores Portelli.

Il-Qorti tqis illi anki jekk ghal grazzja tal-argument seta' kien hemm xi hjiel li terzi, cioe l-attur Ferdinand Portelli kien interessat jixtri xi proprjeta appartenenti lil Maria Dolores Portelli u Dr. Mifsud Attard jew l-istess konvenut Orland Attard kienu konsapevoli, il-fatt li Orlando Attard lahaq ftiehem ma' Maria Dolores Portelli qabel Ferdinand Portelli ma jikkostitwixxix frodi izda biss agir li fin-negozju hu lecitu sakemm il-ftehim ikollu ir-rekwiziti kollha li trid il-ligi. Anki jekk ghal grazzja tal-argument tigi emmnuta l-allegazzjoni li Mifsud Attard kaxkret saqqajha biex isiru xi ricerki ghal Lucienne Portelli sabiex ikunu jistghu jbieghu lil Ferdinand Portelli, zgur li dan ma kienx jipprekludihom milli jersqu ghal konvenju ma' Ferdinand Portelli qabel ma Orlando Attard lahaq dahal fil-konvenju ma' Maria Dolores Portelli. Ma giex pruvat illi xi hadd zamm lil atturi milli jersqu ghal konvenju bla ebda xkiel u n-nuqqas li dan isehh qabel ma lahaq ghamel il-konvenju Orlando Attard ma tistax tigi attribwita ghal xi qerq fil-konfront ta' dak li ma kellu ebda drittijiet sal-mument li sar il-ftehim bejn Orlando Attard u Maria Dolores Portelli.

Minn imkien ma irrizulta li kien hemm xi ftehim jew rabta anterjuri ma’ Ferdinand Portelli li jiggustifika b’xi mod l-allegazzjoni ta’ frodi taz-zewg kompartecipi ghal konvenju bjen Orland Attard u Maria Dolores Portelli li wassal ghal kuntratt finali f’Novembru 2006. Il-fatt li Ferdinand Portelli dahal f’konvenju ma’ Maria Dolores Attard fil-frattemp jista’ jaghti drittijiet lilu direttament kontra Maria Dolores Portelli izda mhux fil-konfront ta’ Orlando Attard u l-ftehim li dan kellu antecedenti ghal kull ftehim iehor raggunt bejn Ferdinand Portelli u Maria Dolores Portelli u li intitolah jixtri legalment minghand Maria Dolores Portelli skond ir-rabta li saret bejniethom.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tillibera lil Deborah Mifsud Attard mill-osservanza tal-gudizzju, u tichad it-talbiet attrici peress illi ma giex pruvat l-element tal-frodi rikjest fl-azzjoni intavolata mill-atturi u kwindi kull talba konsegwenzjali hi ghalhekk bla mertu. Spejjez ghall-atturi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------